MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Avviz Numru. 271/2006

**Kasco Limited C 17886,**
**Sunland Printers Limited C 32834**
**u Alfio Schembri 596048(M)**

**Vs**

**Melissa Gauci ID 458696(M),u**
**Kristen Schembri ID 294982(M)**
**flimkien u solidalment bejniethom**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ rikorrenti et talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu lill-istess socjeta’ rikorrenti et is-somma ta’ elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-prezz ta’ xoghol u materjal provdut lill-intimati mir-rikorrenti fuq ordni taghhom stess, liema xoghol gie debitament ezegwit in pjena sodisfazzjoni ta’ l-intimati skond skrittura privata tat-

12 ta’ Frar 2005, li permezz taghha l-intimati obbligaw ruhhom li jhallsu lir-rikorrenti tax-xoghol ezegwit.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid numru u bl-imghaxijet legali kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 16 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-konvenuta Melissa Gauci hija illum mizzewga u ghaldaqstant trid issir il-korrezzjoni opportun f’kunjomha.
2. Illi preliminarjament r-relazzjoni guridika tal-konvenuti kienet dejjem fil-konfront tas-socjeta’ Sunland Printers Limited u ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu illiberati mill-harsien tal-gudizzju u dana billi m’ghandhom l-ebda relazzjoni guridika ma’ l-atturi ohra f’din il-kawza.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici huwa wiehed ezorbitanti.
4. Illi l-pretensjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana hekk kif se jipprovaw l-konvenuti waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawza.
5. Illi l-atturi iridu f’kwalunkwe kaz jesebixxu prova dokumentarja tal-kreditu allegat minnhom.
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi fil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 39 tal-istess atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, waqt li l-konvenuti ma gabu ebda prova in sostenn ta’ dak kollu eccepit minnhom, is-socjeta’ rikorrenti et pproduciet lil <u>Alfio Schembri</u> (fol 19 ibid) direttur tal-istess socjeta’ rikorrenti et u dan kkonferma illi l-ammont mitlub fir-rikors in esami kien ghadu dovut in konnessjoni ma’ xoghol ta’ stampar. In sostenn ta’ dan, hu esebixxa l-<u>iskrittura</u> esebita in atti a fol 24 et seq flimkien ma dokumenti ohrajn a fol 26 et seq. Jigi notat illi minn din l-iskrittura, jirrisulta illi l–kredituri filfatt huma iz-zewg

socjetajiet rikorrenti u mhux ix-xhud personalment. Inoltre trattasi ta' ftehim ta' natura kummercjali l-intimati konvenuti ghandhom jigu ritenuti bhala debituri solidali bejniethom.

Illi minn dak premess, jirrisulta car illi it-talba attrici ghandha tigi akkolta izda vis-à-vis iz-zewg socjetajiet rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' Alfio Schembri, tilqa' t-talbiet taz-zewg socjetaijiet rikorrenti u tikkundanna lill-intimati konvenuti sabiex jhallsu, solidalment bejniethom liz-zewg socjetajiet rikorrenti, s-somma ta' Lm2,600 ossija €6,056.37 bl-imghax legali mid-data tal-imsemmija skrittura ossija t-12 ta' Frar 2005 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju fl-stess ismijiet izda bla numru imsemmi fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------